"Phoenix"

(Stud[illegible])

Holma ta' [illegible]

ta'

C. [illegible]

Sig. Tune

[illegible] jiži: lil [illegible] "Phoenix"

Signature Tune

"Holma ta' [illegible]"

~~Traduzzjoni ta' Carmelo Gauci~~.

Radjodramma addattat minn

Carmelo Gauci

# R A D I O D R A M M

## IL -H O L M A T A ' I M P E R U

Maqlub mit-taljan

Sogno d'un Impero

Ediz. Salesiana

Traduz. ta' Clo. Gauci
25/3/ 54

Persunaggi

Francesco I ........................ Imperatur tal-Awstria

Duka ta' Reichstadt................... Neputi

L-Ecc. tieghu Princep ta' Metternick.... L-ewwel minstru tal-Awstria

Marixxal Marmont..................Duka ta' Rgusa

Konti Heymes ...................... Taht sura ta' seftur

Zewg suldati tal-ghassa imperjali

---

Nota ghal qabel jinbeda r-radio dramm.

Ghal dawk li ma jaghfux l-istorja ngharrfu li Guzeppi Napuljun Bonaparti, Duka ta' Reichstadt, kien it-tifel wahdani ta' Napuljun I, Imperatur tal-Francizi u ta' Marija Luisa, Arcidukessa ta' l-Awstria. Malli twieled dan it-tifel, Napuljun tah it-titlu ta' "Re ta' Ruma"; Titlu li tilef malli waqa Napuljun.

Wara t-telfa ta' Waterloo, mita Napuljun gie mibghut fil-gzira ta' Sant Elena, il-princep gie fdat f'idejn in-nannu, missier ommu, Francesco I, Imperatur tal-Awstria, li ghamlu Duka ta' Reichstadt. Lill-omm, Marija Luisa, ta wkoll id-dukat ta' Parma u Pjacenza.

L-istorja hija severa hafna ma' din il-mara, li mitluha biss fid-divertimenti u fil-pjaciri, xejn ma hadet hsieb tal-imsejken binha. Id-Duka ta' Reichstadt, bniedem sentimentali u romantiku, dejjem kellu fi hsiebu li xi darba ghad jirbah it-tron ta' missieru, imma minn flok dan, fl-eta' ta' tnejn u ghoxrin sena, kellu jmut b'marda qalila.. il-mard tas-sider.. illi fiha kellu parti kbira l-Kancellier tal-Imperu Awstriak, Metternick; dan ried ifittex jehles minnu billi kien ghalih ingombru fil-hsebijiet tieghu politici.

---

# Il-Holma Ta' Imperu

Duka (Titwiba pulita) Ma kenitx hlief holma!..... Imma ghaliex il-qawmien nehhieli minn quddiemi l-illuzjoni biex jerga jitfaghni fl-istess dwejjaq ta' qabel ma rqadt! Ghaliex ma bqajtx niehu gost bik holma sabiha!... Il-kanuni smajthom ifaqqghu t-tiri taghhom; il-qniepen bdew idoqqu qishom f'festa millikbar. Xena ta' glorja u ta' ferh! Xena li qatt ma rajt filghomor qasir tieghi! ... U jien b'eluf u eluf ta' nies icapcpu u jghajtu quddiemi, hrigt mit-Tuileries, warajja l-Istat Maggur tieghi, lebsin kollha gala, biex flimkien nibqghu sejrin filbazilika ta' Notre Dame, fejn in-nies bl-eluf kienu qed jistennewni biex icapcpuli u jilqghuni bhala Imperatur taghhom. Hekk kif tfaccajt fil-bieb tal-istorika bazilika l-banda bdiet iddoqq u baqghet tikkumpanjani sakemm tlajt fuq l-altar fejn kelli nigi nkurunat....(Passi) Holma! .. ma kenitx hlief ziffa rih li ghaddiet tmellisli l-wicci biex imbaghad tispicca fix-xejn!

Vall (Zewg tahbitiet) Il-Maesta' Tieghu L-Imperatur!

Duka Ahjar nahbi malajr il-ktieb li ma jmurx jarah in-nannu. (Thaxwix ta' karti)(Passi) ... Nannu!

Imper Kif int illum, ghaziz Duka?

Duka Ghalkemm ghaddejt il-lejl inkwiet hafna b'ugiegh fiziku u morali, b'dana kollu nhossni tajjeb hafna. Jiena nirringrazzja dejjem lill-Maesta' tieghek tal-interess kbir li qed tiehu fija.

Impe Tajjeb, tajjeb! Din haga zghira hafna. Inti taf bizzejjed, ghaziz Duka, li nixtieqek f'sahhtek. Nittama li tkompli tissahhah biex tkun tiflah ghall-vjagg halli nwassluk fil-kastell ta' Murszsteg. Hemm hekk hemm klima iktar tajba. Ghandek ukoll gnien kbir hafna fejn tista tirkeb iz-ziemel kemm trid. U, biex nghidlek is-sewwa ghadni kemm xtrajtlek ziemel mill-ahjar tal-pajjiz.

Duka Jiena ma nafx biex irrid nibda nirringrazzjak ta' dan kollu li qed taghmel mieghi. Nixtieq illi ommi kellha x'taqsam ukoll f'din l-imhabba.

~~Impe~~
Impe Ommok thobbok hafna.

Duka Ma nghidlekx li ma nemmnekx, nannu, imma bil-fatti xejn ma tidher li thobbni. Mita kont marid, ghalkemm baghadt ghaliha hafna drabi, kieku qatt thajret biex tigi tarani. Mur ata kieku kienet xi omm ohra kemm kienet tmur tigri hdejn is-sodda ta' binha.... u hi mhux talli ma gietx imma hafna drabi anqas twiegeb ghall-ittri tieghi.

Impe Taf kemm hi mhabbta... naturalment ma kellhiex zmien.

Duka Nannu, tghidlix li kienet imhabbta bix-xoghol tal-istat; kulhadd jaf kemm tinteressa ruhha fit-trigija tal-pajjiz! Ghid pjuttost li kienet okkupata xort'ohra!

Impe Duka, inti m'ghandek qatt tiggjudika l-kondotta t'ommok!

Duka Le, ghandek ragun; imma mita omm ikollha tifel li jkun fl-istat tieghi, izjed u izjed mita dik il-mara kienet mart il-kbir Napuljun, imissha ghad-dinjita' ta' zewgha, tiehu iktar hsieb ta' binha l-werriet.

Impe Ibni, qatt m'hu permess ghal iben li jaghmel gudizzju fuq ommu, iktar u iktar mita dawn il-gudizzji jkunu saru minn nies imhallsin biex idawru l-fatti kif ikun jaqbel lilhom, u ma jimpurtahom xejn mill-unur u l-verita'. Isma' minni, ibni, u tatix kaz ta' dawn il-hafna xnighat hziena; ommok thobbok

# Prologue

Għal dawk li ma jafux l-istorja ngħarrfu li Ġużeppi Napuljun Bonaparti, Duka ta' Reichstadt, kien it-tifel waħdani ta' Napuljun I, imperatur tal-Franċiżi, u ta' Maria Luisa, arċidukessa tal-Awstrija. Malli twieled, dan it-tifel, Napuljun taħ ~~l-isem ta' Napuljun~~ it-titlu ta' "Re ta' Ruma", titlu li tilef malli waqa' Napuljun.

Wara t-telfa ta' Waterloo, (meta Napuljun ġie mibgħut fil-Gżira ta' Sant Elena) il-Prinċep ġie fdat f'idejn in-nannu missier ommu, Francesco I, Imperatur tal-Awstrija, li għamlu duka ta' Reichstadt. Lil ommu Maria Luisa tawha ukoll id-dukat ta' Parma u Piaċenza. L-istorja hija severa tafuha ma din il-mara li mitlugħa biss fid-divertimenti u fil-pjaċiri, nsejt ma kellhiex ħsieb tal-imsejken binha. Id-Duka ta' Reichstadt, bniedem sentimentali u romantiku, dejjem kellu fi ħsiebu li xi darba jħadd jerġa' jirbaħ it-tron ta' missieru, imma minflok dan, fl-età ta' tmienja u għoxrin sena, kellu jmut b'marda qalila — il-mard tas-sider illi fiha kellu parti kbira l-kanċillier tal-imperu Awstrijak Metternich, billi kien ifittex jeħles minnu billi kien għalih ingombru fil-ħsibijiet tiegħu politiċi.

Traduzzjoni
Il Sogno d'un Impero
Ed. Salesiana
G. Ganci

# Radio Dramm

## Il-Holma ta' Impern

Persunaġġi

Francesco I Imperatur tal-Awstria
Duka ta' Reichstadt neputi
L-eccellenza tiegħu
Il-Princep ta' Metternich L-ewwel Ministru tal-Awstria
Marexxjall Marmont Duka ta' Ragusa
Konti Heymés (travestit bħala seftur)
Żewġ suldati tal-għassa Imperjali.

---

Duka (Titwiba) Ma kienitx ħlief ħolma! .....
Imma għaliex il-qawmien neħħieli minn
quddiemi l-illużjoni biex jerġa jitfagħni
fl-istess dwejjaq li kelli qabel ma rqadt.
Għalien ma bqajtx nieħu gost bik
għal dejjem, ħolma sabiħa! ... Il-kanuni
smajthom ifaqqgħu t-tiri tagħhom;
il-qniepen bdew idoqqu qishom
f'festa mill-ikbar. Hena ta' glorja
u ta' ferħ! Hena mill-isbaħ! U jien
b'eluf u eluf ta' nies icappcpu
quddiemi u jgħajtu, triġt mit-
Tuileries, warajja l-Istat Maġġur
tiegħi ~~libes~~ lebsin gala biex nibqa'
sejjer fil-~~katidral~~ bażilika ta' Notre Dame,
fejn in-nies bl-eluf kienu qed
jistennewni biex icappcpuli u
jilqgħuni bħala Imperatur tagħhom.

Dekk kif tpeċċajt fil-bieb tal-istorika bażilika il-banda bdiet iddoqq, u bagħtet tikkumpanjani sakemm tlajt fuq l-altar fejn kelli nigi pkurunat.... (Jiffassigga) Aħna! Ma kienitx ħlief żiffa Alla li għaddiet tmellisli l-wiċċ, biex imbagħad tispiċċa fix-xejn!

Vallett (ikabbat tnejn mal-art) Il-Maestà tiegħu l-Imperatur.

Duka Nahbi malajr il-ktieb li ma jinqara jarah in-nannu, l-imperatur. ~~Imm~~

(Isiri) (~~Ħoss ta' ħfief jinġabru~~), jiġri ~~[illegible]~~ għaġ.) (Passi ta' tlieta mixja)

Maestà!.... (Muzika)

Imp. Kif int il-lum għażiż duka?

Duka. Sħabkemm għaddejt il-lejl inkwetat ħafna b'uġigħ fiżiku u morali, b'dan kollu nħossni tajjeb ħafna. Jiena nirringrazzja dejjem il-Maestà tiegħek tal-interess kbir li qed tieħu fija.

Imp. Tajjeb, tajjeb, ħaġa sabiħa. Inti taf tajjeb, għażiż Duka, li nixtieqek ferm li tkun b'saħħtek.... Nispera li tkompli tissaħħaħ biex tkun tista' tħalli vjaġġ ħalli nwasslek fil-kastell ta' Murzsteg.* (kastell imperjali fuq il-muntanji ta' Stirja) Hemmhekk kemm kellna siktar tajba. Għandek ukoll ġnien kbir ~~immens~~ ħafna fejn tista' tgħaddi ż-żmien fl-isports tiegħek preferut; kemm għandek wisgħa kemm trid biex tirkeb iż-żiemel. U biex ngħidlek għandi kemm nitrajtlek żiemel mill-aħjar tal-Jajjiż.

Duka | Jiena ma nafx bien irrid nibda nirringrazzjak ta' dan kollu li qed taghmel mieghi. Nistieq, illi ommi kellha x' taqsam x' ukoll f'din l-imhabba.

Imp. | Ommok thobbok hafna.

Duka. | Ma nghidlekx li ma nemminekx, nannu, pero' imma bil-fatti nejn ma tidher li thobbni. Mita kont marid, ghalkemm baghtet ghaliha hafna drabi, biex qatt resqet bien tarani. Meta ara kieku kienet xi omm ohra kemm kienet tmur tiggri bdejn xi sodda ta' binha. U hi nhux talli ma gietx talli hafna drabi anqas bixs irrisponditt l-ittri tieghi.

Imp. | Taf kemm hi mhabbta. ~~bil~~... naturalment ma kellhiex ħinien.

Duka | Nannu tighidlix li ghax kienet imhabbta bix-xoghol tal-istat, kulhadd jaf kemm tinteressa ruhha fit-tigija tal-Iljiz. Ghid Ijuttost li kienet okkupata xorti ohra.

Imp. | Duka, inti m'ghandekx qatt tiggudika l-kondotta t' Ommok!

Duka | Le, ghandek ragun. imma mita omm ikollha tifel li jkun fl-istat tieghi, izjed u izjed mita dik l'omm kienet il-mara tal-kbir Napuljun I., imissha ghaddignita ta' zewgha, tiehu iktar hsieb minn haddiehor ta' ~~ibn~~ binha.

Imp. | Ibni, qatt m'hu ferm ghal tifel li jaghmel gudizzji fuq ommu, iktar u iktar mita dawn il-gudizzji jkunu

saru minn nies imhallsin biex idawru
l-fatti skond ma jkun jaqbel lilhom
u ma jimpurtahom xejn mill-unur
u l-verità. Issa' ninnu, ~~xx~~ ibni u
tatix kaz ta' dawn il-hafna xnighat
hziena. Ommok thobbok daqs kemm
thobbha int u thobbom sinceramentt ghaziz
tieghi duka ta' Reichstadt.

Duka Skuzani nannu, imma ikun hafna biex
naghmillek talba zghira. Qabel kelli
suggizzjoni kbira biex nistaqsik, imma
issa dan id-dulur li ghandi qed jaghmilli
l-kuraggi u lest biex ustidlek. Ghaliex
nannu, qatt ma thalli lil min isejjahli
bl-isem li taghni missieri? Jekk dak
it-l-isem ~~pompus~~ "Re ta' Ruma" issa
spicca fix-xejn, ghaliex ma nsejjah-
lix Napuljun?

Imp. Ghaliex ..... ma tafx ... minn dik il-
gurnata li jiena tajtek it-titolu ta'
Duka ta' Reichstadt inti jehtieg li
jsejhulek b'dak it-titolu, ghaliex hekk
jixraq lin-neputi ta' Francesco I, u
lit-tifel ta' Maria Luisa.

Duka Imma mhux lit-tifel ta' Napuljun I.
(Jisghol qawwi... attakk ta' soghla). Pawsa)

Imp. Oqghod attent, ghaziz neputi... tu
preokkupazzjoni ... u titkellem f'diskussjo-
nijiet li jistghu igaghluk u jkunulek
ta' dannu kbir ghal sahhtek. Idde-
verti u taghti kaz ta' xejn. Int qieghed
fl-ahjar zmien ta' hajtek idhak
u ddeverti biex tin baghad minta
jasal ghalik iz-zmien ta' risponsab-

bilti u forti wkoll dis-sfaċiri tkun
tista' ~~tehi~~ tiftakar bil-sfaċir kollu fil-
granet ta' tfulitek, fl-illużjonijiet u fil-holm.
Duka — Sewwa qed tgħid għaliex il-hajja li qed
iġġagħlni — ngħaddi m'hix hlief illużjoni u holma
kontinwa. Qegħdin tarini u tiffruwaw
titfgħuni f'ċerti divertimenti li sejjer
ma jogħġbuli unur, biex titilfuli ruħi;
u ~~ntemoghtuni~~ lehhi ntilfuni f'dawn id-divertimenti, u
okkupat biss fit-tgawdija ma nkunx
nista nara l-għajnejn imbikkija ta'
poplu oħt ~~p~~ magħkus, li għad jrid iqum
biex jitlob id-drittijiet tiegħu, u li
qed jistenna biss l-għajta tal-kmand
tiegħi.... Imma għad tasal il-ġurnata
mita l-eżiljati ipoġġi ruħu f'ras it-
truppi ta' hutu u magħhom ~~jiġġie~~ ~~t~~
spalla ma' spalla ~~ma' hutu~~ jiġġieled
għall-libertà tiegħu u tagħhom.
Imp — (B'għajta) Duka ta' Reichstadt!....
Duk — (b'għajta) Imperatur!....
Imp. — (~~Jiffassiġġa~~ (Jewġ Passi). Eh, ibni, mikkum.
fatli .... iva, .. tessew ta' min jitħasrek!
... Rasek qa mimlija bi glorji li
jeħtu għal xejn, glorji ta' dini id-
dinja li m'humiex hlief frughat....
... ta' nies li biss bil-hajen ta' mohhom
kellhom ix-xorti li jiltqgħu f'pożizzjo-
ni li ma setgħu qatt isomma...
~~li kibru f'ġurnata~~ li bhall-werag
~~kibru~~ nibtu f'ġurnata sabiha tar-rebbie-
għa, kibru fin-nemu sajjija, u
fil-harifa waqgħu biex jeddu posthom

lil ħadd ieħor. Id-differenza waħda biss ... il-weraq li jiġu warajhom ~~fl-istaġun ta' wara~~ ikunu dejjem tal-istess kwalita', waqt li s-suċċessuri ta' Napuljun I. .....

**Duka** Imma allura missieri? ...

**Imp.** ... ma kienx ħlief ~~bniedem~~ bniedem li rnexxielu joħloq avventura.

**Duka** (Tnehida) Eh! ...

**Imp.** Eh, ibni, l-imperu ta' Franza ma baqa' minnu xejn ħlief ħolma.

**Vallett.** (Passi) Maestà, l-eċċellenza tiegħu, il-Prinċep ta' Metternich qed jistennieh biex jagħtih ir-rapport tas-soltu.

**Imp.** Daħħaltu fis-sala tar-riċeviment?

**Vall.** Se, Maestà! L-eċċellenza tiegħu qiegħed fil-gallarija jitkellem mal-Marexxall Duka ta' Ragusa.

**Imp.** Tajjeb ... għidilhom jgħaddu t-tnejn hawn. (Misci). (Mużika.)

**Metter / Ragusa** (Mixi)
Maestà ... ~~Eċċellenza~~ Altezza! .. !

**Imp.** Bongornu ... bongornu. Dejjem puntwali, Marexxall, bħin tati l-lezzjonijiet lid-Duka.

**Rag.** Dmir tiegħi, Maestà.

**Imp.** Però hu fiċċenzja u stennieh dagħxejn għaliex ma tantx iħossu tajjeb, u mistieq nieħdu jagħmel żewġ passi fil-ġnien

**Rag.** Għall-ordni tiegħek, Maestà.

**Imp.** M lilek, Prinċep Metternich, nixtieq nikkonsultak fuq nota diplomatika

tà importanza b'kbira.

Mett. Dejjem għall-ordnijiet tiegħek maestà (Minni) (~~Joħroġ l-imperatur u d-duka~~). (Attakk ieħor tà soghla ġawwija;)

Mett. L-attakki tà soghla qed itiru iktar ġawwi-jin u ffissi.... Dal-lejl, minnghajr ma għid lill-Imperatur, mort fil-kamra tà hdejn id-duka, u bl-ikbar gost tiegħi, u taghna 'kkoll, stajt ~~nara~~ nisma', liema kwalità tà soghla qegħdha tahkmu.... raghu kemm ssar safrani u ghajnejh fil-hofra? Il-hajjà tiegħu hija illużjoni kontinwa.

Rag. Iva, ili nosserwah ħafna. Il-potenza li għandhom ~~il~~ l-interess li jegħirdu l-għuvni jifirtu nhun Stat minta jbraw Sliema stat waqqajthu.

Mett. Jiena qiegħed naghmel mill-aħjàr biex ma nonqosx mill-kelma tiegħi, ~~u~~ lejhom u mill-missjoni li fdawli l'ideja.

Rag. Sewwa.. sewwa.. Imma kultant l-Imperatur donnu ma tantx jà pprova certi sistemi!

Mett. L-Imperatur..! L-Imperatur twajjeb wisq! Għadu ma jistax jifhem il-missjoni kbira li qed taghmel l-Austria bil potenzi.. anzi lid-dinja kollha.

Rag. Wara kollox hija ħaġa naturali għall-qalb tiegħu tà nannu li jokodha kontra certi metodi li qed nużaw aħna... u li ma jemmnux għalfejn nghidu... iżejn m'huma umani.

Mett. Nifhem li trid tghid, imma ghaziz Marixxall, fil-kaz taghna ma nistghux nimxu wisq mar-rieda ta' qalbna. ~~Ifhimni~~ Emmanuel: din is-sistema li wzajna huwa l-unika wiehed li jista jwassalna ghar-rizultat li tant nixtiequ. A propozitu, ghaziz marixxall... nitolbok li fil-lezzjonijiet ma tidholx wisq fil-fond tas-suggett, u mitax tasal f'dawk il-punti li ga niftehmu fuqhom ... timpien tiffalsifika il-fatti tal-istorja ... Nixtieq ukoll li ma turi ebda fermezza fil-vittorji ta' missieru, ghalkemm f'dak il-mument kien tiegħek, jista jkun jghaddulu xi zewgt perikoluzi ... jehtieg nogoghdu attenti u b'ghajnejna mifthuha ghax dawk l-incharigi ta' Franciza kapaci jaslu biex jaghmlu kollox ... kif ma nixtiequx ...

Rag. Li jistrab minn hawn huwa impossibli, taf bizzejjed kemm ghandu ghases mal-palazz kollu.

Mett. B'dan kollu, ghaziz marixxall, nibza anke minn dan li qed nghidlek ukoll ... B'hekk ezempju nghidlek illi l-bierah lura gie arrestat is-surgent tad-dragunni Imperjali, ghaliex bi ftehim mal-Franciżi kien qed jipprepara l-fuq mill-harba.

Rag. Tassew? Hawn ... jinjuri kellhom il-kuragg li jidhlu sakemm sitra fil-kastell Imperjali?

Mett. Dan żgur!... Il-bieraħ imbagħad kellna wkoll narrestaw lit-tenent li jikkmanda l-għassiesa tal-kastell, talli nsapett li kien qed iħalli ssir kummikazzjonijiet sigrieti bejn il-kumitat tar-restorazzjoni franċiża u d-duka ta' Reichstadt. Il-ġimgħa li għaddiet qbadna messaġġ dirett għad-duka, fejn xi ġenerali sejħuh li kellhom għal qalbhom il-kawża ta' Napuljun talbuh f'l-isem tal-poplu franċiż, biex ikun il-kap tal-eżerċitu u jmexxu offensiva qawwija kontra l-alleati u biex dan ikun jista' jseħħ ippreponewlu pjan, tassew studjat, kif għandu jaħrab.

Rag. Imma allura...

Mett. Kollox kif qed ngħidlek. U dawn l-arresti kollha qed inżommuhom sigrieti, biex dawk li ma jaqblux magħna u mal-prekawzjonijiet li qegħdin nieħdu kontra d-duka, ma jmorrux iqanqlu xi taħwid fil-gvern ċentrali. Kif qiegħdin għajnejk ir-responsabbiltà li għandna fuqna!... Imma jekk "l-ajkla ż-żgħira" kif sejħulu, jirnexxielu jaħrab u jieħu l-kmand f'idejh, dawk kollha li jissimpatizzaw ma' Bonaparti — u li ~~ma humiex għal fejn ngħidu~~ ma humiex ftit — għandna wkoll numru sabiħ fostna l-awstrijaċi, dawna idaħħlu l-istati ewropej kollha fi

fi gwerra li ma tispiċċa qatt u li tista'
tkun ta' dannu kbir għalina.

Rag. Assunta, jekk trid noqogħdu nagħtu attenti
għal dawn il-kunjuri u fuq kollox
għall-kuraġġ u l-intelliġenza tad-duka.
Nassigurak illi jekk ikollu u norti
li jġib eżattu f'ras l-eżerċitu ma
jaqtiwlix għajb lil ~~jkun u ġenn inqas minn~~ missieru u
la fl-intelliġenza u anqas fil-kuraġġ.
Kull ma nista' ngħid biex nispjegalu ni
passi ġodda fl-istorja inwieħed diġà
jafhom fuq ponot sabagħhom.

Met. Dan li qed tgħid qed jikkonvinċini
fil-ħsebijiet tiegħi minn ċerti risposti
li tani d-duka. Bil-fors li jien
qed inwasslulu xi kotba minn taħt,
inkellha fostna hawn xi ~~[illegible]~~ parti-
tarji qawwija ta' Napuljun. Għal-
hekk iftaħ għajnejk sewwa.

Rag.
Rag. Nipprometthielek, Eċċellenza, li nagħmel
id-dmir tiegħi mill-aħjar li nista'.

Duka ( Passi )
Mett. Altezza! ...
Duka Sur ministru, il-Maestà tiegħu qie.
għad jistennik fil-gabinett partiko-
lari. Inti, marixxall, tista' tibda
l-leġġjoni tiegħek

Rag. Dejjem għall-ordnijiet tiegħek, Altezza
Mett. Sur duka, il-qima tiegħi (Passi)
(Ħsejjes ta' siġġijiet)

Rag. Mela ... konna wasalna minta
Napuljun ...

Duka ... minta: "Il-Maestà tiegħu
L-Imperatur Napuljun" ...

**Rag.** - - - il-Maestà Tiegħu l-Imperatur Napu-
ljun ... billi ra li l-battalja ta' Waterloo
dejjem ma kienet favur tiegħu, iddeċieda
li jagħti l-aħħar attakk 'disperat' kontra
l-għadu. B'dik il-truppa tal-għageb li
kollu kien jafa, ta' ordni lill-Marix-
xall De Bavier, li jdawwar it-truppi
tiegħu għal fuq Ulm, u li jissorpren-
di lill-għadu minn wara. ~~b'hekk~~
bil-ftit suldati li kien għad baqagħlu
ried li jattakka lill-għadu huwa
stess, u b'hekk idawwar lill-Ġeneral
Colville u jġibu bejn żewġ nirien.
Iżda din l-ordni qatt ma għamlet
unur lil Napuljun: ~~setgħa jġib~~
setgħet qiegħdu f'rasu li wara
t-truppi ta' Colville kienu hemm
ir-riġimenti tar-riserva!... Il-
Marixxall De Bavier, skond l-ordni
tal-Imperatur, b'kapaċità kbira
ingħata mill-kumplament tal-eżerċitu,
biex jiċċirkonda l-għadu. Imma
minta sab ruħu iżolat għal kollox
qiegħ mdawwar huwa stess bil-għadu
u mirbuħ mit-truppi Alleati.
Napuljun, bla ma kien jaf x'sar
mit-truppi ta' De Bavier, beda l-attakk
tiegħu, li bik tafa' għall-biċċerija ~~inqatgħu~~ ~~kollox~~ ~~tefa~~ sfaw ~~mejta~~ il-
ftit suldati li kien għad baqagħlu.

**Tuka** Ma tridx li dik il-fraġi 'tafa għall-
biċċerija' xejn m'hi qegħdha flokha.
Forsi dak il-kliem qieh bħal sajjetta
l-ħsieb, ~~t-isfar~~ it-tama li jitfa'

lura lill-għadu, u għalhekk ipprova l-aħħar kolp.

Ragu. Le, altezza; missierek b'dan il-kmand li ta ma wera ebda strategija, anzi għamel żball li ~~ta~~ sata' jsir biss minn xi uffiċjal żgħir li jkun għadu tiegħed mill-akkademija, u mhux minn ġeneral espert ~~fl~~ fl-arti tal-gwerra.... Kif kellu bil-fors jiġri, l-attakk lura ġenerali, kienu għan il-franċiżi kienu ftit kif ukoll imħabba li l-ġeneral tagħhom dak il-ħin għażlu bl-ikrah.

Duka. Marixxal, ftakar fid-demm li għandi jiġri fil-vini tiegħi!. Jekk tippermettilek li tgħaddi xi rimarki mhux sierja kontra missieri u ħuti l-franċiżi...

Ragu. Kemm jiena kellu, altezza, għalieni jien ma jien qed nagħmel xejn iktar ħlief lid-dinja tiegħi... iġġiegħli li nirrakkuntalek il-fatti kif kienu... Mela, kont qed ngħidlek illi Napuljun... anzi... il-Maestà Tiegħu l-Imperatur Napuljun, ~~kien~~ dak il-ħin ta' din ir-raza u bil-fors li kien hekk, għalieni tadd ma stenna li bniedem bħal dak, li ppretenda li jirbaħ id-dinja bil-kmandi u manuvri bħal dawk.

Duka. Ah! biżżejjed... inkomplu l-leġjoni ġurnata oħra... ma nħossnix fiżikament

Ragu. Kif tgħid, altezza (Duka joqgħod) ... nirrakkomandalek li tikkura

nutek, Altezza ... u l-leġġjoni studjaha sew.

Duka — Se tkompli l-ironija?

Raġ — Le ... dan huwa l-pariri tas-surmast li jirrispettah. (Passi joħroġ).

Duka — Ninsejken missieri, ninsejkna Franza! (Biki) (~~l-Ave~~) (Pawsa) (Daqq Ave Maria) (Jiftaħ it-tieqa). Kemm hu sabiħ inġul in-nemmen u kemm jistgħu jirrabbu paċi f'qalbek! Kemm nixtieq li nista' nieħu n-nifs liberu fil-kampanja ... u hekk qed zagħżugħ, li suffost fil-fjur ta' ħajti; inħossni bla ~~tieqa~~ saħħa u marrad ... Ifirħu, bdiewa, u kantaw bil-qalb ... għollu l-leħen tagħkom lejn is-sema waqt li sejrin lejn darkom. Lejn hemm issibu jistennewkom lil martkom u l-uliedkom bid-daħka fuq fommkom. ... ifirħu għaliex ħielsa u b'saħħitkom tistgħu tistgħu tgawdu l-frott tan-nogħol tagħkom ... ifirħu u ħobbu lil kulħadd ... Jien biss, ninsejken turufnat, ~~anqas biss itħalluni~~ li jridu jnessuni saħansitra t-tifkiriet ta' missieri, u l-imħabba t'ommi, u għalkemm magħluq hawn, ninsejken tiżżiku, noħlom fuq imperu li bid-dritt ~~tiegħu~~ tiegħi u ma jridux jagħtuhuli ... (Biki)

Mużika.

Valletta. — (Misi) ... Altezza, tħossok xi ftit aħjar?

Duka — Għaliex?

Valle — Għaliex kieku bil-permess tiegħek Altezza, kont nissogra nagħmillek mistoqsija

Duka — Għidli:

Vall — Ntaqt mistoqsik, Altezza, jekk dak il-ktieb li tbejt malajr malli smajt lill-Maestà Tiegħu dieħel, u li jitħaddet fuq l-Inkoronazzjoni tal-Imperatur Napuljun, jekk jinteressakx jew le?

Duka — U għaliex qed tistaqsini?

Vall — Għaliex ... dak il-ktieb tbejjtuleh jien qalb il-karti tiegħek.

Duka — Int?

Vall. — Jien, Altezza, f'isem elef u elef ta' patrijotti tagħna, f'isem Franza, li bi ħrara qegħdha tistenniek talli ttaffilha d-dispjaċiri tagħha.

Duka. — Allura, tista' tgħidli min int?

Vall — Jiena ... ~~[illegible]~~ il-konti Mario Heymès

Duka — Iben il-qalbieni marixxall Heymès, l-ajjutant tal-kamp li kellu missieri?

Vall — Iva, Maestà!

Duka — Tini idejk 'l hawn! Nirringrazzjak minn qalbi!

Vall. — Maestà! Ili ~~naqħrqu~~ naħrejji hawn hekk, sa ma ngħidlekx kemm rajt qabel ma rnexxieli li nidħol bħin inservjent ~~[illegible]~~ il-palazz. Ili nosserva tagħna u mill-viċin lil dawk li qegħdin jippersegwitawk u naf ukoll b'liema fini qegħdin jagħmluh. Bkejt, bkejt fis-skiet tal-lejl, imma żammejt kemm stajt ma tul il-jum biex ~~ma~~ nagħtix fil-għajn. Imma ma ngħidlekx kemm sofrejt meta sa ftit ilu smajt lil dak it-tradi-

tar franciż jiddisprezza hekk l-ikrah
lil kutma l-franciżi u l-maħbub
Imperatur missierek. Kelli naħrab
biex ma teghlibunix it-tentazzjoni
u nintefa' fuqu bħal lupu feroċi
u nb' kemm għandi ħila ngħidlu "Gid-
dieb, rinegat!"... U issa ġejt hawn
biex niddeskrivilek jien il-battalja
qalila kif qatluli missieri u kif
xiehdi miktuba fuq dak il-ktieb. Ir-
rakkont ta' dak il-vili traditur ~~kollu~~ kollu
falz, falzità mill-bidu
~~tal-aħħar~~ sa l-aħħar, u jiri bie-
ċar il-ħsieb tiegħi

Duka Għidli kont; din hija l-ewwel darba
li qed nisma lehen ta' bniedem sinċier
f'dan il-palazz.

Vall Li tiddeskrivi lill-Imperatur missierek
fil-battalja ta' Waterloo hija ħaġa
impossibbli. Il-kbir Napuljun kien
qiegħed hemm liebes l-uniformi ħadra
fuq iż-żiemel l-abjad tiegħu.
Fi dawk il-għajnejn ta' ajkla jħares
fis lejn l-orizzont. L-unur kollu
ta' din il-battalja qiegħed f'idejn
...

Duka F'idejn il-Prinċep ta' Orange?
Vall Iva, lil Orange, li baqa' jżomm
mal-ftit kuraġġużi li kellu sakemm
wasal Wellington

Duka Imbagħad?...
Valle. Imbagħad l-eroiżmu thallat mad-
dellierju... Morand, f'ras it-truppi

Ma' tul ir-rakkont jinstema' taffief
background ħsejjes ta' gwerra etc

groguards, ħataf sitt bandieri minn
idejn il-Prussjani. Iktar tard, il-
battaljun sagru għi mnaqqas ħafna,
imma ma rtirax. Imbagħad wara
ftit instemgħet tgħajta "Il-gwardja
riesqa lura!" Allura l-Imperatur
b'għajta li twaħħax "Ifthu ~~n~~-nar!"
qalilhom. Il-liġjunarji ħadu l-po-
żizzjoni, ix-xwejjaħ general Jiggue.
Ħed sfolla ma' sfolla mas-suldat
fl-istess fila u bl-istess ħeġġa.
Ma tlugħt ix-xemx l-aħħar kwadrati:
Ulm, Wagram, Jena u Friedland sfiċċaw
ukoll!... Kien baqa' wieħed biss jżomm
iebes.. il-kwadrat tal-general Cambronne!
Il-general Ingliż Colwill, mita ra
dawk il-ftit eroi bil-bandiera ~~[illegible]~~
mċarta, kollha waqqaf il-kanuni
u għajjat: "Qalbiena Franċiżi, iċedu
l-armi!" Cambronne weġġbu b'insult
qawwi. Hawn l-Ingliż reġa' ordna
n-nar. Il-ħlug tal-bronz reġgħu
bdew jitfgħu nita ta' ballal.. u
malli ngħeb id-duħħan, ~~[illegible]~~ kull ħadd
kien sfiċċa..! Il-gwardja ma
rtiratx!... kienu mejta! u minn
fomm l-aħħar suldati l-għajta
"Viva Napuljun" instemgħet
tidwi ma kullimkien.

Ħuka
Iva Viva Napuljun!... Konti
il-kbir tiegħek nizel fuq qalbi
bħala raġġ ta' xemx wara
t-tempesta u mlewni bil-kuraġġ

u bil-fiducja. Issa, iktar minn qabel, inhoss lid-dinja li nerga nkun ta' ħtieġa għal Lejjiżi, għaliex kelimek jibqa ġewwa ta' l-poplu tiegħi.

Vall. U appuntu dan il-poplu jitlob minnek proklama biex isservih ta' kuraġġ fil-għida ġejja, u juri ja'f li ibeu dak li rebaħ id-dinja għandu l-istess demm jiġri fil-vini tiegħu.

Duka. Iva naqbilhilek. U issa nitolbok tiġi qabel ma nitlqek: Mita tiġa lura lejn il-maħbuba Franza tiegħi, irrakkonta lil kull l-ħajja ta' dawejjaq li qegħdin ngħaddi hawn, il-ġenn il-qalb tiegħi, l-agunija ta' dak li qiegħed jara l-isperanzi tiegħu jgħibu waħda wara l-oħra. Għid lill-għażiża Franza tiegħi, li jien dejjem hsiebi fiha; għidilha bil-weġgħa tal-marda li qagħlumi nikrob ftit ftit f'dan il-palazz, bid-dwejjaq tat-turufnat tal-kalzrat, tal-ħafna, imma għidilha wkoll illi qatt f'ħajti kollha ma nqastha minn qalbi, u qatt ma tirradejtha, u illi hawn fuq sidri il-kokkarda bajda ħamra u kaħla ma naqset qatt.

Vall. Naħliflek li ngħidilhom kollox, imperatur tiegħi!

Mett. Suldati! (misi!).

Duka. } Vall. } N' għara!

Mett. Sa fil-aħħar!... Issa naf min kien qed jiġi fira dawk ir-riċevuti lid-duka. Issa naf min kien is-surmast tiegħu!

Suwed li jgħallem biss fid-dlam, appostlu ta' dik id-duttrina li toffri l-libertà tmeg-dar il-kmandi tal-awtorità u ~~tixħet bil-ħieġ~~ tkasbar id-drittijiet.

Vall. Kif nistgħu ngħallmu fid-dawl taċ-ċiemu id-duttrina tal-libertà ~~ikebrijafoq~~ meta intom bil-qawwa tal-~~suldati~~ awtorità, qegħdin tisservew mhux le biex tgħinuha imma biex tiffgħuha għar-kumbtegħa fit-trab... Imma dik is-sofferenza jeħtieġ li tispiċċa, u dan il-ħolm issa wasal il-waqt li jiddilkom "bizzejjed". Li jrid l-imperatur tiegħu, "~~Je le sta~~" li intom għar minn żbieri qegħdin iżżommu fregħuniet. B'dan il-bniedem għad tridu terġa tingħaqad Franza bħala bniedem wieħed u twerwer lin-nazzjonijiet għedewwa tagħha. Jekk huwa li bid-delitti tagħkom ser tbeżżgħuna. Id-demm tal-eroj tagħna, ma jdejkom u ma tbierkom iktar iżeġġeġ qalbiena għodda biex f'wiċċkom ~~jiddulkom~~ jgħajrukom: "Assassini"!

Mett. Bizzejjed!

Vall. Iva, jiena niskot; imma qabel ma nitlaq din is-sala rrid bħala sfida nitfagħlkom ma' wiċċkom isem dak il-bniedem li tridu tiffurmaw tnessu għal dejjem minn wiċċ id-dinja: "Viva l-kbir Napuljun!"

Mett. Altezza ~~tagħkom hawn~~ tieħu għall-kliem fieraħ ta' min qed jipprova jisraqlek l-imħabba

li biha inti mdawwar f'dan il-kastell.

Vall. Viljakk!

Mett. Suldati, kaxkruh 'l barra! (Jsejjes)

Duka Viljakk! Viljakk! B'hekk tridu tigbdu-
ni lejkom, lejn l-ajkla tal-awstrija, li
li min jaf kemm il-darba qanqlet
nazzjonijiet bien jqumu rwiehkom
kontra missieri. Kif tridu nhobb-
din l-ajkla li taht il-gwienah taghha
sibt min imarradni ~~b'sidri~~ rqieq
irqieq!? Imma sinjuri, qeghdin
tinqannaw rwiehkom jekk tahsbu li
se nogghod ghall-pogetti taghkom!
Ghalkemm Jnginnier taghkom naghmel
minn kollox bien insemma
l-ghajta tieghi u elef ta' suldati
jigu jinqabru ma' dwari bien
jehelsuni minn da l-jasar u
naghkom f'ras ir-regimenti nimsu
bien nerga naqta f'taht ideja
l-imperu li jien tlaqqli... Iva,
tinh francizi, nimsu, mitqanglu
bil-kuragg kollu u nigru warra
l-ghadu li qieghed jitrab... sforz
ta' tieghi u tisimghu t-tnabar
itabbru r-rebha taghna... Viva
l-Imperatur (Tnabar) Vittorja!
Vittorja!

Imp. (Misi? jidhol)

Duka Mamma... Vittorja... Vittorja! Isma'
~~Hamburli~~ d-daqq tat-tnabar!

Imp. Iva ibni, dawn is-suldati qeghdin
jibdlu l-ghassa tal-~~kastell~~ palazz!

Duka Mela allura?...

Imp. | Din tiegħek ma kienitx ħlief ħolma, ibni,
"Il-Ħolma ta' Imperu"

Duka | Ah, nannu!.. (Biki.)

---

[illegible]
25/3/54.

daqs kemm thobbha int u thobbok sincerament, ghaziz tieghi duka ta' Reichstadt.

Duka  Skuzani nannu, imma ili hafna biex naghmillek talba zghira. Qabel kelli suggizzjoni kbira biex nistaqsik imma issa dan id-dwejjaq li ghandi qed jaghmilli l-kuragg u nhossni lest biex nghidlek. Ghaliex, nan, qatt ma thalli lil min isejjahli bl-isem li tani missieri? Jekk dak it-titlu pompus "Re ta' Ruma" issa spicca fix-xejn ghaliex ma ssejjahlix Napuljun li huwa l-veru isem tieghi?

Impe  Ghaliex... eh... minn dik il-gurnata li jiena tajtek it-titlu ta' Duka ta' Reichstadt inti jehtieg li jsejhulek b'dak it-titlu, ghaliex hekk jixraq lin-neputi ta' Francesco I u lit-tifel ta' Marija Luisa.

Duka  Imma mhux lit-tifel tal-kbir Napuljun Bonaparti, Imperatur ta' Franza! (Attakk ta' soghla) (Pawsa)

Impe  Oqghod attent, ghaziz neputi....hu prekawzjoni u tidholx f'diskussjonijiet li jistghu iqanqluk u jkunulek ta' dannu kbir ghal sahhtek. Iddeverti u tati kaz ta' xejn. Int qieghed fl-ahjar zmien ta' hajtek, idhak u ddverti biex imbaghad mita jasal ghalik iz-zmien ta' risponsabbilta' u forsi wkoll dispjaciti, tkun tista tiftakar bil-pjacir kollu fil-granet ta' tfulitek, fl-illuzjonijiet u fil-holm....

Duka  Sewwa qieghed tghid, ghaliex il-hajja li qed nghaddi m'hix hlief illuzjoni u holma kontinwa. Qeghdin turuni u tippruvaw titfghuni f'certi divertimenti li xejn ma jaghmlu unur, biex b'hekk titilfuni u okkupat biss fit-tgawdija, ma nkunx nista nara l-ghajnejn imbikkija ta' poplu maghkus li ghad irid iqum biex jitlob id-drittijiet tieghu u li qed jistenna biss l-ghajta tal-kmand tieghi. Imma ghad jasal il-jum mita l-ezil jat ipoggi ruhu f'ras it-truppi ta' hutu u maghhom, spalla ma' spalla, jiggieled ghall-liberta' tieghu u taghhom.

Imp  Duka ta' Reichstadt!!

Duka  Imperatur!!

Imp  Eh; (Passiggar) ibni, nikkumpatik... iva tassew ta' min jithassrek... Rasek ga mimlija bi glorji li jsehhu ghal ftit.. glorji ta' din id-dinja li m'humiex hlief frughat... ta' nies li biss bil-hazen ta' mohhom, kellhom ix-xorti li jilhqu f'pozizzjoni li ma setghu qatt izommu.....li bhall-weraq nibtu f'gurnata sabiha tar-rebbiegha, kibru fix-xemx sajfija u fil-harifa waqghu biex iciedu posthom lil haddiehor, b'differenza wahda biss... il-weraq li jikbru warajhom ikunu dejjem tal-istess kwalita', waqt li s-successuri ta' Napuljun...

Duka  Imma allura missieri?...

Imp  Ma kienx hlief bniedem li rnexxielu johloq avventura.

Duka  (Tnehida) Eh!..

Imp  Eh, ibni, l-imperu ta' Franza ma baqa' minnu xejn hlief holma.

Vall  (Passi) Maesta, l-Eccellenza Tieghu il-Princep ta' Metternich qed jistennieq biex taghtih ir-rapport tas-soltu.

Imp  Dahhaltu fis-sala tar-riceviment?

Vall  Le, Maesta! ~~Le, Maesta'~~. L-eccellenza tieghu qieghed fil-gallerija jitkellem mal-marixxall, duka ta' Ragusa.

Imp  Tajjeb.... ghidilhom ighaddu hawn it-tnejn. (Mixi) (Muzika)

Mett  (Mixi) Imperatur... Altezza!

Imp Bongornu... dejjem puntwali biex tati l-lezzjonijiet lid-duka, marixxall.

Ragu Dmir tieghi, Maesta'.

Imp Pero' hu pacenzja u stennih daqsxejn ghaliex ma tantx ihossu tajjeb u nixtieq niehdu jaghmel zewg passi fil-gnien.

Ragu Ghall-ordni tieghek, Maesta'.

Imp U lilek, princep Metternick, nixtieq nikkonsultak fuq nota diplomatika ta' importanza kbira.

Mett Dejjem ghall-ordnijiet tieghek, Maesta'. (Mixi. Attakk iehor ta' soghola qawwija) (Muzika)

Mett Duka ta' Ragusa, qieghed nosserva li l-attakki ta' soghla qed ituh iktar qawwija u spissi. Dal-lejl, minghajr ma ghidt lill-Imperatur, mort fil-kamra ta' hdejn id-duka, u bl-ikbar gost t tieghi u taghna lkoll, stajt nisma liema kwalita' ta' soghla qeghdha tahkmu.... Rajt kemm sar safra u ghajnejh fil-hofra? Il-hajja tieghu hija illuzjoni kontinwa.

Ragu Iva, ili nosservah hafna. Il-potenzi li ghandhom l-interess li jeqirdu l-guvni jifirhu mhux ftit mita jaraw f'liema stat waqqajtu.

Mett Jiena qieghed naghmel mill-ahjar biex ma nonqosh mill-kelma tieghilejhom u mill-missjoni li fdaw f'idejja.

Rag Sewwa..sewwa. Imma kultant l-Imperatur donnu ma tantx japprova certi sistemi.

Mett L-imperatur!... twajjeb wisq. Ghadu ma jistax jifhem il-missjoni kbira li qed taghmel l-Awstria lill-potenzi... anzi lid-dinja kollha.

Ragu Wara kollox hija haga naturali ghall-qalb tieghu ta' nannu li johodha kontra certi metodi li qeghdin nuzaw ahna.... u li ma hemmx ghalfejn nghidu, xejn ma huma ta' min ifahharhom.

Mett Nifhem xi trid tghid, imma ghaziz Marixxall, fil-kaz taghna ma nistghux nimxu wisq mar-rieda ta' qalbna. Emminni, din is-sistema li wzajna huwa l-uniku wiehed illi jista jwassalna ghar-rizultat li tant nixtiequ. . A propozitu, ghaziz Marixxall, nitolbok li fil-lezzjonijiet ma tidholx wisq fil-fond tas-suggett, u mita tasal f'dawk il-punti li ga miftehmin fuqhom.. tinsiex li tiffalsifika xi passi tal-istorja. Nixtieq ukoll li ma turi ebda premura fil-vittorji ta' missieru, ghaliex f'dak il-mohh shun tieghu, jistghu jghaddulu xi xewqat perikoluzi. Jehtieg noqoghdu attenti u b'ghajnejna miftuha, ghax dawk l-imgharqin ta' Francizi kapaci biex jaghmlu kollox.... u ma nixtieqx...

Ragu Li jahrab minn hawn huwa mpossibli; taf bizzejjed kemm ghandu ghases mal-palazz kollu.

Mett B'dan kollu, ghaziz Marixxall, nibda wkoll minn dan li qed nghidlek.... Bhala ezempju nghidlek illi l-bieraht lura gie arrestat is-surgent tad-draguni Imperjali, ghaliex bi ftehim mal-Francizi kien qed jippreparalu pjan ghall-harba.

Rag Tassew!?... Dawk is-sinjuri kellhom ~~xa~~ il-kuragg li jidhlu sahansitra fil-kastell Imperjali?

Mett Kollox kif qed nghidlek...Il-bierah, imbaghad, kellna wkoll narrestaw lit-tenent li jikkmanda l-ghases tal-kastell, taht suspett li kien qed ihalli xi kumnikazzjonijiet sigrieti bejn il-kumitat tar-ristorazzjoni Franciza u d-Duka ta' Reichstadt. Il-gimgha li ghaddiet qbadna messagg dirett ghad-duka, fejn xi generali xjuh li kellhom ghal qalbhom il-kawza ta' Napuljun, talbuh fl-isem tal-poplu Franciz biex ikun il-kap tal-ezercitu u jiehdu

offensiva qawwija kontra l-alleati, u biex dan ikun jista jsehh ipproponewlu pjan, tassew studjat, kif ghandu jahrab.

Rag. Imma allura...

Mett. Haga tal-ghageb; u dawn l-arresti kollha qeghdin inzommuhom sigrieti, biex dawk li ma jaqblux maghna u mal-prekawzjonijiet li qeghdin niehdu kontra d-duka ma jmorrux iqanqlu xi tahwid fil-gvern centrali. Gib quddiem ghajnejk ir-responsabbilta' li ghandna fuqna. .. Imma jekk "L-Ajkla z-Zghira" kif soltu jsejhulu, jirnexxilu jahrab u jiehu l-kmand f'idejh, dawk kollha li jissimpatizzaw ma' Bonaparti.. u nghiduha kif inhi, li ma humiex ftit ghax hawn numru sabih fostna l-Awstriaci, dawna jdahhlu l-istati ewropej kollha fi gwerra li ma tispicca qatt... u li tista tkun ta' dannu kbir ghalina.

Ragu Appuntu... Jehtieg noqoghdu hafna attenti ghal dawn il-konguri u fuq kollox ghall-kuragg u l-intelligenza tad-duka. Nassigurak illi jekk ikollu x-xorti li jsib ruhu f'ras l-ezercitu ma jaghmilx ghajb lil missieru u la fl-intelligenza u anqas fil-kuragg. Kull mita nigi biex nispjegalu xi passi godda tal-istorja insibu diga jafhom fuq ponot subghajh.

Mett Dan li qed tghid qed jikkonvincini fil-hsebijiet tieghi minn certi risposti li tani d-duka. Bil-fors li jew qed iwassilulu xi kotba minn taht, inkella fostna hawn xi partitarji qawwija ta' Napuljun. Ghalhekk iftah ghajnejk sewwa.

Rag Nippromettilek, Eccellenza, li naghmel dmiri mill-ahjar li nista.

Duka (Passi)

Mett. Altezza!-

Duka Sur ministru, il-Maesta' tieghu qieghed jistenniek fil-gabinett partikolari. Inti, Marixxall, tista tibda l-lezzjoni tieghek.

Ragu Dejjem ghall-ordnijiet tieghek, Altezza.

Mett. Sur Duka, il-qima tieghek. (Passi. Hsejjes ta' siggijiet)

Ragu Mela konna wasalna .. mita Napuljun...

Duka .. Mita , "Il-Maesta' Tieghu l-Imperatur Napuljun"...

Ragu Il-Maesta' Tieghu , l-Imperatur Napuljun, billi ra li l-battalja ta' Waterloo ma kienet sejra xejn favur tieghu, iddecieda li jaghti l-ahhar attakk disperat kontra l-ghadu. B'dik il-heffa tal-ghageb li soltu kien juza, ta ordni lill-Marixxall De Bavier li jdawwar it-truppi tieghu ghal fuq Ulm u li jissorprendi lill-ghadu minn wara; bil-ftit suldati li kien ghad baqaghlu ried li jattakka lill-ghadu huwa stess, b'hekk idawwar lill-general Colville u jgibu bejn zewg nirien. Izda din l-ordni xejn ma ghamlet unur lil Napuljun. Setghet gietu f'rasu li wara t-truppi ta' Colville kien hemm ir-rigimenti tar-riserva! Il-marixxall De Bavier, skond l-ordni tal-Imperatur, b'kapacita kbira nqatgha mill-kumplament tal-ezercitu biex jiccirkonda lill-ghadu. Imma mita sab ruhu isolat ghal kollox gie mdawwar huwa stess bil-ghadu u mirbuh mit-truppi Alleati.
Napuljun, bla ma kien jaf x'sar mit-truppi ta' De Bavier beda l-attakk tieghu li bih tafa' ghall-biccerija l-ftit suldati li kien ghad baqaghlu.

Duka Nahseb li dik il-frazi 'Tafa' ghall-biccerija' xejn ma hija flokha. Forsi dak il-hin gieh bhal sajjetta l-hsieb, it-tama, li jitfa lura lill-ghadu, u ghalhekk ipprova l-ahhar kolp.

Ragu Le, Altezza; missierek b'dan il-kmand li ta ma wera ebda strategija, anzi ghamel zball li sata jsir biss minn xi officjal zghir li jkun ghadu hiereg minn xi akkademja, u mhux minn general espert, li ghamel successi fl-arti tal-gwerra...
Kif kellu bilfors jigri, l-attakk ma rnexxiex kemm ghax il-

francizi kienu ftit imma iktar u iktar ghax il-general taghhom dak il-hin kien zbalja bl-ikreh.

Duka Marixxall, ftakar x'demm ghandi jigri fil-vini tieghi. Jekk ippermettejtlek li tghaddi xi rimarki mhux xierqa kontra missieri u huti l-francizi...

Ragu Zomm ruhek kalm, Altezza, ghaliex jien m'jien qed naghmel xejn iktar hlief id-dmir tieghi... igifieri li nirrakkuntalek il-fatti kif kienu. Mela kont qed nghidlek li Napuljun ... skuzi.,. l-Imperatur Napuljun, dak il-hin tilef rasu u bil-fors li kien hekk, ghaliex hadd ma stenna li bniedem bhal dak, li ppretenda li jirbah id-dinja kollha, kellu johrog b'manuvri bhal dawk.

Duka Ah, bizzejjed, Altezza; inkomplu l-lezzjoni gurnata ohra; ma nhossnix f'sikti.

Ragu Kif tghidli, Altezza.(Duka jisghol). Nirrakkomandalek li tikkura ruhek, Altezza... u l-lezzjoni studjaha seww.

Duka Se tkompli bl-ironija?

Ragu Le... anzi dan huwa l-parir tas-surmast li jirrispettak. (Jassi)

Duka Imsejken missieri!.. Imsejkna Franza!... (Biki).... (Daqq ta' qniepen.. L-Ave Marija) (Ftuh ta' tieqa) Kemm hu sabih inzul ix-xemx u kemm jispiralek paci f'qalbek! ... Kemm nixtieq li nista niehu n-nifs liberu fil-kampanja... u jien.. hekk zaghzugh, li suppost fil-fjur ta' hajti, inhossni bla sahha u marradi. Ifirhu, bdiewa, u kantaw bil-qalb; ghollu l-lehen taghkom lejn is-sema waqt li sejrin lejn darkom, fejn issibu jistennewkom lil martkom u l-uliedkom bid-dahka fuq fommhom.... ifirhu ghaliex hielsa u b'sahhitkom tistghu tgawdu l-frott tax-xoghol taghkom... ifirhu u hobbu lil kulhadd....Jien biss, imsejken turufnat, li jridu jnessuni sahansitra t-tifkirijiet ta' missieri u l-imhabba t'ommi, ,.... u qieghed maghluq hawn, imsejken tiziku, nohlom fuq Imperu li bi dritt huwa tieghi u ma jridux jaghtuhuli...(Biki)

Muzika F/O c171.

Vall (Mixi) Altezza, thossok xi ftit ahjar?

Duka Ghaliex?

Vall Ghaliex kieku, bil-permess tieghek, kont nissogra naghmillek xi mistoqsija.

Duka Ghidli.

Vall Xtaqt nistaqsik, Altezza, jekk dak il-ktieb li hbejt malajr malli smajt lill-Maesta' Tieghu diehel u li jithaddet fuq l-Inkoronazzjoni tal-Imperatur Napuljun, jekk jinteressakx jew le?

Duka U ghaliex qed tistaqsini?

Vall Ghaliex dak il-ktieb hbejtulek jien taht il-karti tieghek.

Duka Inti?..

Vall Jien, Altezza, f'isem eluf u eluf ta' patrjotti taghna.. f'isem Franza, li bil-hrara qeghdha tistenniek biex ittaffila d-dispjaciri taghha.

Duka Allura tista tghidli int min int?

Vall Jiena l-konti Mario Heymés.

Duka Iben il-qalbieni Marixxall Heymés, l-ajjutant tal-kamp li kellu missieri?

Vall Iva, Maesta!

Duka Tini idejk 'l hawn! ...Nirringrazzjak minn qalbi!

Vall Maesta, ilni xahrejn hawnhekk u ma nghidlekx kemm rajt qabel ma rnexxieli li nidhol biex inservi lilek. Ilni nosserva hafna u mill-vicin lil dawk li qeghdin jippersegwitawk, u naf ukoll b'liema fini qeghdin jaghmluh. Bkejt, bkejt fis-skiet tal-lejl, imma zammejt kemm stajt ma' tul il-jum biex ma naghtix fil-ghajn. Ma nghidlekx kemm sofrejt mita sa ftit ilu smajt lil dak it-traditur Franciz, Marixxall Marmont, Duka ta' Ragusa, jiddisprezza hekk bl-ikrah lil hutna l-Francizi u lill-mahbub Imperatur missierek. Kelli nahrab biex ma teghlibnix it-tentazzjoni u nintafa' fuqu bhal tigra feroci, u b'kemm ghandi hila nghidlu:"Vili, giddieb u traditur!"... U issa gejt hawn biex niddeskrivilek jien il-battalja qalila kif smajtha minn fomm missieri u kif inhi miktuba fil-ktieb. Ir-rakkont ta' dak il-vili traditur huwa kollu falz.. falz mill-bidu sa l-ahhar, u juri bic-car il-hsieb tieghu.

Duka Ghidli konti, din hija l-ewwel darba li qed nisma lehen ta' bniedem sincier f'dan il-palazz.

Vall Li tiddeskrivi lill-Imperatur missierek fil-Battalja ta' Waterloo hija haga impossibli. Il-kbir Napuljun kien qieghed hemm, liebes l-uniformi hadra fuq iz-ziemel abjad tieghu, b'dawk l-ghajnejn ta' ajkla jharsu fiss lejn l-orizzont... l-unur kollu ta' din il-battalja gie moghti f'idejn...

Duka ...Il-Princep ta' Orange!

Vall Hekk hu, Maesta; lill-Orange li baqa jzomm mal-ftit kuragguzi li kellu sakemm wasal Wellington.

Duka Imbaghad?...

Vall Imbaghad l-eroizmu thallat mad-delliterju. Morand, f'ras it-truppi groguards, hataf sitt bandieri minn idejn il-prussjani. Iktar tard il-battaljun sagru gie mnaqqas hafna.. imma ma rtirax.... Wara ftit instemghet ghajta,"Il-gwardja riesqa lura!"Hawn l-Imperatur, b'ghajta li twahhax: "Ifthu n-nar!!" qalilhom. Il-ligjunarji hadu l-pozizzjoni.. ix-xwejjah general jiggieled spalla ma' spalla mas-suldati fl-istess fila u bl-istess hegga... Ma' tlugh ix-xemx l-ahhar kwadrati: Ulm, Wagram, Jena u Friedland spiccaw ukoll!... Kien baqa wiehed biss izomm iebes.. Il-kwadrat tal-general Cambronne!...Il-general ingliz Colwill mita ra dawk il-ftit eroi bil-bandiera mcarta kollha, waqqaf il-kanuni u ghajjat: "Qalbiena Francizi cedu l-armi!". Cambronne wiegbu b'insult qawwi. Hawn l-Ingliz rega ordna n-nar... il-hluq talbronz bdew jitfghu xita ta' balal... u malli gheb id-duhhan... kulhadd kien spicca! ... Il-gwardja ma rtiratx... kienu majta! U minn fomm l-ahhar suldat harget ghajta li nstemghet tidwi mal-kamp tal-battalja, "Viva Napuljun!!"

Duka Iva, "Viva Napuljun!".... Konti, il-kliem tieghek nizel fuq qalbi bhala ragg ta' xemx wara t-tempesta u mlieni bil-kuragg u bil-fiducja. Issa, iktar minn qabel, inhoss id-dmir li nkun ta' htiega ghal pajjizi ghaliex kliemek urieni x-xewqa ta' poplu shih... poplu mjassar.

Vall U appuntu dan il-poplu jitlob minn ghandek proklama biex isservih ta' kuragg ghall-glieda qawwija, u jsir jaf li iben dak li rebah id-dinja ghandu l-istess demm jigri fil-vini tieghu.

Duka Iva, naghtihielek. U issa nitolbok pjacir qabel ma nitilqek... Mita terga lura lejn il-mahbuba Franza tieghi, irrakkonta l-hajja ta' dwejjaq li qieghed nghaddi hawn... il-qsim il-qalb tieghi... l-agunija ta' dak li qieghed jara l-isperanzi tieghu ighibu wahda wara l-ohra... Ghid lill-ghaziza Franza tieghi li hsiebi huwa dejjem fiha. .. Ghidilha bil-velenu tal-marda li gaghluni nixrob ftit ftit f'dan il-palazz... bid-dmugh tat-turufnat... tal-kalzrat.. tal-orfnu..... imma ghidilha wkoll illi qatt f'hajti ma nqastha minn xejn, u li minn fuq sidri l-kukkarda bajda, hamra u kahla ma naqset qatt.

Vall Nahliflek li nghidilhom sa l-inqas kelma,, ghaziz Imperatur tieghi!

Mett (Mixi ta' suldati) Suldati! Ghamlu dmirkom!

Duka Nista naf x'gara?!

Mett Sa flahhar!.. Issa naf min kien qed jispira dawk ir-risposti lid-duka... naf min kien is-surmast tieghu!.,.. surmastli jghallem biss fid-dlam...appostlu ta' dik id-dutrina li toffri l-liberta', tmaqdar il-kmandi tal-awtorita' u tkasbar id-drittijiet ta' popli.

Vall Kif nistghu nghallmu fid-dawl tax-xemx id-dutrina tal-liberta', mita intom bil-qawwa tal-awtorita qeghdin tisservew mhux le biex tghinuha imma biex titfghuha gharkubtejha fit-trab... Din is-sofferenza jehtieg li tispicca u dan il-poplu issa wasal il-waqt li jghidilkom: "Bizzejjed""Li jrid l-Imperatur tieghu, li intom ghar minn zbirri qeghdin izzommu pruguniet. F'dan il-bniedem ghad trid terga tinghaqad Franza bhala bniedem wiehed u twerwer lin-nazzjonijiet eghdewwa taghha! .. Tahsbu li bid-delitti taghkom ser tbezzghuna?...Id-demm tal-eroj taghna,, ma' jdejkom u ma' lbiexkom, iktar iheggeg qalbiena godda biex f'wicckom jghajrukom: "Assassini! Viljakki!"

Mett Bizzejjed!

Vall Iva,, jiena niskot; imma qabel ma nitlaq din is-sala rrid bhala sfida,, nitfaghlkom bhala sfida, isem dak il-bniedem li tridu tippruvaw tnessu ghal dejjem minn wicc id-dinja: "Viva l-Kbir Napuljun!"

Mett Altezza, tiehux ghall-kliem fierah ta' min wed jipprova jisraqlek l-imhabba ~~ta~~ li biha int imdawwar f'dan il-kastell.

Vall "Viljakk" nerga nghidlek "u ipokrita!"

Duka Vijakk! Viljakk!

Mett "Suldati,, kaxkruh 'l barra! (Hsejjes) x. Roll & Marseill

Duka B'hekk tridu tigbduni lejkom... lejn l-ajkla tal-Awstrija, li min jaf kemm il-darba qanqlet nazzjonijiet biex johduha kontra missieri!? Kif triduni nhobb din l-ajkla li taht il-gwienah taghha sibt min imarradni rqieq irqieq?! ... Imma sinjuri, qeghdin tingannaw irwiehkom jekk tahsbu li ser noqghod ghall-progetti taghhom. . Ghalkemm pruguniet naghmel minn kollox biex insamma' l-ghajta tieghi u eluf ta' suldati jigu jingabru ma' dwari u jehilsuni minn dan il-jasar. ⊗ Hekk, f'ras ir-rigimenti,. nimxi biex nerga nahtaf taht idejja l-imperu li jisthoqqli..... Iva,, huti Francizi,, inqumu fuq taghna,, nimxu bil-kuragg kollu u nigru wara l-ghadu li qieghed jahrab.... sfors iehor zghir u tisimghu it-tnabar ihabbru r-rebha taghna..... Vittorja! Vittorja!

Impe (Mixi; jidhol)

Duka Nannu,, Vittorja! Vittorja! Isma' d-daqq tat-tnabar ihabbarli l-vittorja fuq l-ghadu! Qieghed tismaghhom it-tnabar?

Impe Iva, ibni; dawn it-tnabar huma tas-suldati li qeghdin jibdlu l-ghassa tal-kastell!

Duka Mela allura?....

Impe Din tieghek ma kenitx hlief holma, ibni, "Il-holma ta' Imperu!"

Duka Ah, nannu! ! (Biki)

25/ 3/ 54

Clo. Gauci

Signature Tune